# NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 86 - IT-TNEJN 27 TA' MEJJU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-17:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Clifford Galea | Kinsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| Skużati: | Clinton Sammut | Viċi Sindku |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal Eżekuttiv |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuomo kienet infurmatu li mhux se tattendi għal-laqgħa minħabba li ma kinitx tiflaħx.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Dawn ġew approvati mis-Sindku u ssekondati mill-Kunsillier Galea.

2.3. Il-Kunsillier Spiteri staqsa dwar para. 9.1 u 9.2 dwar ir-railing il-ġdid. Is-SE fakkar li huwa kien ikkomunika mal-Kunsillieri dwar ix-xogħol meħtieġ u li kien skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-perit tal-Kunsill u li kien jinkludi t-tibdil tal-bankina u l-bażi tagħha inkluż iċ-ċinta tal-konkos.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku irringrazzjat lill-istaff u l-ħaddiema tal-Kunsill għax-xogħol tagħhom tul il-kampanja elettorali. Hija qalet li din involvitilhom ammont akbar is-soltu ta' pressjoni u xogħol.

3.2. Is-Sindku faħħret is-sistema l-ġdida ta' *ticketing* li bdiet tintuża mill-Kunsill għal fatt li hija sistema effiċjenti u qed taħdem tajjeb ħafna.

3.3. Is-Sindku rringrazzjat lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Uffiċjal Yanika Borg li ħadmu bla heda biex irnexxielhom ilestu l-Kuntatt fi żmien qasir minkejja li kien ħarġa speċjali b'56 paġna. Irringrazzjat ukoll il-kumplament tal-istaff.

3.4. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li sakemm ma jinqala' xejn id-dawl il-ġdid tal-bandli għandu jibda jiġi nstallat nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju.

3.5. Fis-27 ta' April is-Sindku kienet mistiedna għal attività organizzata mill-Parkinsons Support Malta. Hija nfurmat li din l-għaqda rringrazzjat lill-Kunsill tas-sapport tiegħu meta offra s-sala tal-Kunsill għal użu tagħhom.

3.6. Is-Sindku avżat lill-Kunsill li għal din il-leġiżlatura fadal laqgħa oħra minħabba li l-leġiżlatura tintemm fit 30 ta' Ġunju.

3.7. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bir-risposta tal-konsulenti tal-Kunsill, dwar l-iżvilupp fi Triq Santa Luċija u fi Triq Ħal Dgħejf (PA 3690/19).

**3.7.1** Minħabba li r-rapport tal-konsulenti ma' kienx konklussiv, il-Kunsillier Brincat ippropona li ssir oġġezzjoni mill-konsulenti dwar ir-rapport finali tagħhom fil-konfront ta' dan l-iżvilupp. Huma għandhom jagħtu ir-rapport skont il-policies tal-PA. Il-Kunsill qabel.

**3.7.2** Il-Kunsill però talab li ssir rappreżentazzjoni biex ix-xogħol innifsu ma jibdiex qabel 8.30am minħabba l-karattru ta' Triq Santa Luċija.

3.8. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li minħabba li l-konsulenti tal-Kunsill għandhom konflitt ta' interess fil-proġett tal-iżvilupp tat-Trade Fair, il-Kunsill talab il-konsulenza tal-periti tiegħu.

**3.8.1** il-Perit ikkonkluda li dan il-proġett se jkun ta' impatt ħażin fuq l-ambjent u mhux sostennibli.

**3.8.2** Il-Kunsill għamel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu lill-PA skont il-proposti tal-Perit.

**3.8.3** Il-Kunsillier Brincat ippropona li l-Kunsill jippublika li Kunsill oġġezjona għal dan il-proġett. Il-Kunsill qabel.

3.9. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fit-22 ta' Mejju kellha laqgħa ma' Transport Malta dwar proġett ta' rotot għaċ-ċikliżmu.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Ma' kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti, lista ta' dħul, lista ta' ordnijiet u lista ta' nfiq mill-*petty cash* kif annessa f'A, B, C u D wara proposta mill-Kunsillier Sciberras u ssekondat mill-Kunsillier Gatt.

## 6. SKEMA LC CARE DWAR L-ANNIMALI

6.1. Is-Sindku fakkret lill-Kunsill b'din l-iskema u li d-data tal-għeluq tagħha hija 12 ta' Ġunju.

6.2. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat. Il-ħin kien 6.17pm.

6.3. Is-SE informa li se jkun qed jitkellem mal-*cat feeders* biex jara x'hemm bżonn u l-applikazzjoni ssir skont dawn il-bżonnijiet.

## 7. RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-EWWEL KWART TAS-SENA

7.1. Is-SE speġa li r-raġun ta' *deficit* f'dan ir-rapport hija minħabba numru ta' proġetti li saru. Dan jirriżiltu għaliex il-kalkolu jsir mid-dħul attwali mqabbel mal-ispejjeż kollha, inklużi *commitments.* Madanakollu dan huwa normali għaliex il-Kunsill qiegħed jutilizza fondi mġemmgħin u għalhekk aċċerta li m'hemmx problema ta' finanzi anzi

s-sistwazzjoni hija tajba ħafna u dan ikun iġġudikat mill-fatt li l-indikatur finanzjarju huwa ta' 87% meta ma jridx ikun inqas minn 10%.

7.2. Ir-rapport ġie approvat. Proponiet is-Sindku u ssekondha il-Kunsillier Galea.

## 8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-ILMENTI

8.1. Il-Kunsillier Spiteri talab kjarifika dwar każ numru 8685. Is-Sindku infurmatu li kien hemm komunikazzjoni ma' Transport Malta u mar-residenti dwar dan il-każ.

8.2. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar talba biex ir-residenti tal-village core jingħataw permess għall-ipparkjar fit-timed zones minħabba li l-parkeġġi filgħaxija u bil-lejl mhux qed ikunu utilizzati.

**8.2.1** Wara diskussjoni fid-dettall il-Kunsill qabel li r-residenti li joqogħdu fil-Village Core jingħataw permess b'kulur differenti li permezz tiegħu ikunu jistgħu jipparkjaw filgħaxija u matul il-lejl. Il-ħin maqbul huwa bejn il-5.00pm u 9.00am. Il-Kunsill qabel.

## 9. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

9.1. Is-SE ippreżenta ir-rapport mill-Kumitat tal-Finanzi tal-15 ta' Mejju.

9.2. Il-Kunsill approva unanimament (kopja annessa).

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

10.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir fil-11 ta' Ġunju fil-5.30pm.

10.2. Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |